**9 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Gaston Buttigieg

*versus*

Joseph Stellini *et*

## Valur Lokatizzju - *Land Valuation Office*

*Jekk il-Qorti ma jkollhiex elementi bizzejjed quddiemha biex jiġi ddeterminat il-valur lokatizzju ta' fond għandha tinnomina perit biex jistabbilih għall-finijiet tal-kawża jew inkella tieħu bħala bażi dak l-ammont li ġie ddikjarat fil-*Land Valuation Office.

*Inoltre, meta l-kera ta' fond ikun ġie stabbilit mill-Bord li Jirregola l-Kera għandu jiġi ritenut li l-valur lokatizzju tal-fond ikun jinsab determinat b'mod ċert u univoku għall-finijiet tal-kawżi bħal dik in eżami.*

Il-Qorti:-

Fuq it-talba ta' l-attur, verbalizzat fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 1984, sabiex jiġi nnominat perit ħalli jistabbilixxi l-valur lokatizzju tal-fond *de quo*;

Rat l-opposizzjoni ta' l-Avukat Dr. Giovanni Bonello għal xi uħud mill-konvenuti, verbalizzata ukoll fl-istess seduta, peress li dan il-valur ġà ġie stabbilit mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-25 ta' Ġunju, 1945 għal Lm20 fis-sena, u dana huwa l-valur li jinsab reġistrat fil-*Land Valuation Office*; u mhuwiex leċitu li l-Qorti tissostitwixxi sentenza b'opinjoni ta' perit;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u

Ikkunsidrat:

Illi ċ-ċitazzjoni hija intiża għall-iżgumbrament tal-konvenut mill-fond numru 94, ġà numru 83, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, għar-raġuni li l-istess konvenuti qed jokkupaw il-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

Illi f'każijiet bħal dawn, meta l-konvenut ikun qed jippretendi li għandu titolu, il-Qorti jkollha bilfors tara l-valur lokatizzju tal-fond kemm huwa. Kif ġie deċiż fil-kawża: **Vella** ***vs*** **Gauci** (App. 15.12.1947, Vol. XXXIII, p. 210), jekk il-Qorti ma jkollhiex elementi biżżejjed quddiemha biex jiġi ddeterminat dak il-valur, allura jkollha tinnomina perit biex jistabbilih għall-finijiet tal-kawża, jew inkella tieħu bħala bażi dak l-ammont li ġie ddikjarat fil-*Land Valuation Office*, li ġie rikonoxxut bil-liġi tal-kera ta' l-1944 bħala l-*fair rent* sakemm ma jiġix varjat mill-Bord li Jirregola l-Kera (għalkemm dan l-aħħar kriterju ma ġiex aċċettat mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-kawża **Sammut** ***vs*** **Sammut**, 27.8.1947, Vol. XXXIII, p. 784, peress li l-avviżi lill-L.V.O. kienu saru arbitrarjament mid-denunzjanti). Fil-fehma ta' din il-Qorti meta l-kera tal-fond ikun ġie stabbilit mill-Bord, għandu jiġi ritenut li l-valur lokatizzju tal-fond ikun jinsab determinat b'mod ċert u univoku għall-finijiet tal-kawżi bħal dik in eżami;

Għaldaqstant:

Tiċħad it-talba għan-nomina ta' perit, purchè, s'intendi l-konvenuti jipproduċu l-prova dokumentarja dwar l-allegazzjoni tagħhom fuq imsemmija. Tordna li l-kawża titkompla fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar, 1985, għal-liema ġurnata qed tiġi differita;

Spejjeż riservati.

---